# FULU U SKATOĊĊ

Din in-novella 'Fulu u skartoċċ' hija ambjentata f'Malta. Il-protagonist ta' din in-novella joħroġ ġurnata mal-familja tiegħu, imma din id-darba ma sabx lill-bidwi xiħ jindokra l-għalqa tiegħu, allura jdaħħal familtu ġol-għalqa.

L-awtur huwa sensittiv ħafna għall-ambjent ta' madwarna. Aħna qegħdin neqirdu l-ambjent u f'din in-novella biex juri dan juża ħafna ironija, repetizzjoni, espressjonijiet u xi  personifikazzjoni wkoll.

Il-protagonist u l-familja  jmorru armati b'tank taż-żejt kbir maqsum minn nofs. Ġabu ukoll magħhom "laħam fuq laħam, ħut fuq ħut u zalzett fuq zalzett". Dan kien biex jaqlu l-laħam fuqu.  Huwa kien ċert li ma kellux biżżejjed injam għall-ħatab. Għajnejh waqgħu fuq ħarruba xiħa. L-awtur juża r-repetizzjoni biex juri kif siġra li damet ħafna snin biex tikber tinqered fi ftit minuti. Permezz ta' kliem bħal "jisserra", "jisseġa", "iżarrat", "iqaċċat", "ikisser" u  "jgħawweġ", l-awtur donnu jrid jurina l-vjolenza fuq din is-siġra u l-injoranza tal-protagonist li mingħalih "moħħu kien jilħaqlu".

Minnbarra dan l-awtur jħaddem l- ironija. Dan narawh meta huwa jħares lejn l-għalqa tal-bidwi mejjet u  taqagħlu żaqqu għal ftit ful. Imma għalfejn biċċa fulu sempliċi, minflok dak il-laħam kollu li huwa iktar bnin u għandu  iktar togħma?

Il-karattru prinċipali f'din in-novella jidher bħala karattru egoist għax wara li seraq il-ful u qered siġra, huwa jgħid "mur ara b'daqhsekk". Il-kittieb ma jagħtix isem lil dan ir-raġel u jagħmel hekk biex iwassal il-messaġġ li dan ir-ragel qiegħed jirrappreżenta lil ħafna Maltin. L-ipokrisija tispikka meta jisraq il-ful mill-għalqa u jgħajjar lill-kaċċaturi ħallelin. L-ironija terġa' tinħass, meta wara dan kollu jmur u jpoġġi fuq siġġu, jiftaħ il-gazzetta u jaqra l-paġni fuq l-ambjent!

**Samuel Cachia**



